V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9841 — CDP Equity/Ansaldo Energia)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 196/04)

1. Fit-3 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CDP Equity S.p.A. ("CDPE") (l-Italja), li tappartjeni għall-Cassa Depositi e Prestiti S.p.A. ("CDP"),

— Ansaldo Energia S.p.A. ("AEN") (l-Italja).

CDPE takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' AEN kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' bidla fl-istruttura ta' governanza.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— CDPE hija kumpanija azzjonarja li għandha l-għan li tagħti spinta lill-ekonomija Taljana billi tinvesti kapital ta' ekwità f'kumpaniji ta' interess nazzjonali kbir. CDPE hija kollha kemm hi proprjetà ta' CDP. CDP hija istituzzjoni finanzjarja kkontrollata mill-Istat Taljan, u hija attiva fil-finanzjament għall-iżvilupp, l-intraprizi, l-espansjoni internazzjonali u t-trasformazzjoni urbana,

— AEN hija attiva internazzjonalment fis-settur tas-sistemi u l-komponenti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, tforni turbini, ġeneraturi, impjanti tal-elettriku lesti għall-użu kif ukoll servizzi ta' inġinerija għall-impjanti tal-enerġija nukleari għal portafoll ta' klijenti li jinkludi aġenziji tas-settur pubbliku, produtturi indipendenti u klijenti industrijali. Qabel it-tranżazzjoni, AEN kienet ikkontrollata bi sħab minn CDPE u Shanghai Electric Hongkong Co. Limited.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9841 — CDP Equity/Ansaldo Energia

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË